# Daħla

*Ħamest ijiem qabel il-Milied. Xi mkien fid-dlam.*

Tnejn min-nies jitkellmu minn taħt l-ilsien.

"M'jien nara xejn."

"Ġej, tini ċans."

"Mela fejn qiegħda t-torċ?"

"Hawn, f'idi. Imma naħseb ċaqlaqt il-batterija."

Tgergira.

"Iwa madoffi, issa ċaqlaqtha l-batterija? Ejja, ħaffef qabel jiġi xi ħadd."

"Int tista' turini naqra wkoll! M'għandekx mowbajl fuqek? Jew *lighter*?"

Ftit ħsejjes u tħaxwix ta' xi ħadd ifittex fil-bwiet.

"Kollox fil-karozza ħallejt."

Ħsejjes ċkejknin fid-dlam.

"Hawn, naħseb irranġajt."

It-torċ xegħlet. Ir-raġġ tad-dawl bajdani dar dawra mal-post u wera biċċiet mill-affarijiet moħbija fid-dlam. Partijiet minn xkaffar. Leħħa minn rifless mill-ħġieġ ta' fliexken tax-xorb. Id-dawl niżel aktar fil-baxx. Irkejjen ta' kaxxi taċ-ċikkulatini. It-tundjatura ta' boċċa kbira, kaħla skura, bi kwiekeb ċkejknin lewn il-fidda. Kantuniera minn armarju tal-ħġieġ mimli tazzi. Siġra tal-Milied żgħira, bil-boċċi żgħar ileqqu u jirriflettu d-dawl tat-torċ f'ħafna riflessi ċkejknin mas-saqaf. Għal sekonda biss. Aktar 'l isfel. Ifittex. Sakemm laqat tarf ta' xi oġġetti li kienu ta' interess għal sid it-torċ.

"Hemm huma. Ħa nurik, int iftaħhom. Iddumx."

Ħoss ta' xafra taqta' xi ħaġa. Tħaxwix.

"Hawn m'hawn xejn!"

"Kif m'hemm xejn?"

"Mhumiex hawn."

"Imma hemm iridu jkunu. Fittex sew."

Aktar tħaxwix.

"Qed ngħidlek, hawn mhumiex. Urini hawn ħa niċċekkja n-numri fuq barra."

Wara ftit.

"Ħeqq, in-numri jaqblu mal-karta li tani, imma m'hawn xejn."

"Tgħidlix li dak ir-ras ħażina ħa żball ta! L-imniefaħ x'kedda se jtina."

"X'se nagħmlu issa?"

"Mhux noħorġu minn hawn? Ħalli kollox kif inhu, imxi, tlaqna. Issa se jkollna nduru l-ħwienet wieħed wieħed sakemm insibuhom."

"Il-paċenzja!"

"Ħeqq m'hemmx x'tagħmel. La nqdejna bil-ħmir."

# 1.

## Fl-uffiċċju ta' Irvin

"Gooowwwllll!" werżaq Luca b'leħnu rqajjaq, hekk kif tar minn fuq il-pultruna u beda jdur u jaqbeż quddiem Irvin. "Gowl! Qed tara kif skurjajtlek, imbasta bl-aħjar *keeper* tal-univers! Ħaħa!"

Irvin ħarislu bl-ikrah u gedwed xi ħaġa minn taħt l-ilsien. Ħa l-okkażjoni u xorob ftit te mill-kikkra li kellu fuq il-mejda maġenbu. Kien għadu jaħraq u reġa' qiegħdu fejn kien.

"Ejja, iblah, ħa nkomplu. Ma ndunajtx li ħallejtek tiskurja? Għadha lanqas spiċċat l-ewwel taqsima; nilħaq niskurjalek ħamsa."

Luca tgħawweġ bid-daħq jesaġera kemm jiflaħ biex jinki lil kuġinuh. "Issa tiskurja!"

Is-subien issoktaw il-logħba tagħhom. Warajhom, wara l-iskrivanija t'Irvin, bilqiegħda fuq issiġġu Laura tbissmet. Qallbet il-paġna tal-gazzetta li kellha miftuħa quddiemha u kompliet taqra.

Bħal kull għodwa minn mindu bdew il-btajjel tal-Milied, hi u ħuha t-tewmi Luca kienu marru kmieni kmieni għand iz-zija Marthese, omm Irvin. Stennew lil kuġinuhom iqum (normalment għall-ħabta tal-għaxra ta' filgħodu) u niżlu ħdejh fil-garaxx-magħmul-ufficċju tiegħu. Għalkemm Irvin kien seba' snin akbar minnhom, u issa kien se jagħlaq dsatax, kienu jingwalawha tajjeb wisq miegħu. Forsi l-aktar għax Irvin ma jittrattahomx ta' tfal żgħar bħalma jagħmel kulħadd. Jew forsi għax jinvolvihom ħafna fil-każijiet li jkollu minn żmien għal żmien.

L-aspirazzjoni tiegħu kienet li jilħaq investigatur privat. Fil-fatt, kien jonqsu biss l-aħħar erba' eżamijiet u t-teżi biex tinħariġlu l-liċenzja uffiċjali mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija.

Sakemm ilesti l-kors, kien iddeċieda li ma joqgħodx b'idu fuq żaqqu u fetaħ uffiċċju. Sejjaħ lilu nnifsu l-Investigatur Virtwali, bil-ħsieb li jirnexxilu jaħdem fuq każijiet żgħar li setgħu jissarrfu fi ftit esperjenza u anki fama. U xi żewġ *warnings* ukoll![1]

Bħalissa, wara xhur jistudja, tista' tgħid, minn xħin iqum sa xħin jorqod, ma kellu ebda każ f'idejh u ma kienx qed ifittex li jsib. Kien kuntent jitgħażżen ftit għal żmien il-Milied, u jgawdi l-festi kif suppost. Madankollu, flimkien ma' Luca u Laura, ftiehem li jżommu ruħhom aġġornati kuljum dwar x'inhu jiġri fil-pajjiż. B'hekk, jekk xi darba jinqala' xi każ għal Irvin, ikunu infurmati tajjeb fuq l-attivitajiet fix-xena lokali.

Dakinhar filgħodu kien imiss lil Laura ddur l-artikli f'*L-Aħbar*, il-gazzetta li Irvin jixtri ta' kuljum. Kienet qiegħda tifli rapporti tal-Pulizija u aħbarijiet mill-Qorti, dawk li l-aktar setgħu jixħtu dawl fuq attivitajiet li n-natura tagħhom kienet

[1] Fl-aħħar każ li solva, dak tal-aħwa Manduca, kien spiċċa poġġa ħajjet it-tewmin fil-periklu, u l-Maġistrat ma kienx ċapċaplu.

ta' interess għax-xogħol t'Irvin.

U dur minn hawn u aqra minn hemm, Laura sabet rapport li mhux talli kien ta' interess, iżda li tant qanqlilha kurżità li ma felħitx tistenna lis-subien ilestu l-logħba.

"Isimgħu naqra dan l-artiklu," qaltilhom. Iżda ntebħet li ma tawx kasha.

Laura qamet minn postha u marret quddiem it-televixin antik li Irvin u Luca kienu qed jużaw bħala *screen* għall-PlayStation. Qabdet u tfietlu, fost protesti u theddid mit-tnejn li huma.

"L-artiklu mhux hemm se jibqa'?" għajjat Luca, maħruq għall-aħħar, l-aktar għall-fatt li għal darba kien qed jirbaħ.

"U ilkom tilagħbu. Isimgħu din, aktar interessanti," weġbitu oħtu kalma kalma. Iżda Luca ssuppervja bil-kbir.

"Taqrali xejn, ma rridx inkun naf," qalilha, u mar intefa' bilqiegħda fuq pultruna.

Irvin għolla jdejh, f'mossa li riedet tfisser li m'hemmx x'tagħmel issa, u Laura bdiet taqra.


SCORE

Il-Pulizija ta' Malta bħalissa qiegħda tinvestiga dak li jista' jkun attentat ta' serq minn ħwienet fl-inħawi tal-Mosta u n-Naxxar fil-lejl ta' bejn il-Ġimgħa u s-Sibt. Tard il-Ġimgħa filgħaxija, persuna jew persuni mhux magħrufa daħlu fi tlett iħwienet tal-merċa billi żgassaw il-bibien. Il-mod tal-iżgass fit-tliet każijiet kien l-istess. Għalkemm l-iskop tal-attività kriminali huwa maħsub li x'aktarx kien ta' serq, mill-ebda ħanut ma nsteraq xejn — la oġġetti u lanqas flus. Dan qanqal għadd ta' mistoqsijiet dwar x'setgħet kienet l-intenzjoni ta' min daħal fil-ħwienet.

Il-Pulizija għadha qed tinvestiga iżda għalissa ma tistax tagħtina aktar dettalji.

Għalkemm l-artiklu ma kienx jagħti wisq informazzjoni, kemm Irvin u anki Luca laqtithom ħafna dik l-istorja. L-għadab ta' ftit qabel għaddielhom għalkollox (jew kważi).

"Vera interessanti," qalilha Irvin, ħosbien.

"Huwa ċar li l-ħallelin kienu qed ifittxu xi ħaġa partikolari ħafna. Imma xiex?" staqsa, aktar lilu nnifsu.

"Għidtilkom li mhux se jiddispjaċikom," qaltilhom Laura, ferħana li l-artiklu li sabet qanqlilhom dak l-interess. "X'se nagħmlu issa?"

Irvin dar iħares lejha. "X'jiġifieri x'se nagħmlu?"

"Mhux se ninvestigaw u nippruvaw niskopru x'ġara?"

Il-PlayStation intesiet.

"Mela," qabeż Luca, "ilna minn Marzu, issa, ma ngħinuk fuq xi każ. U dan jidher vera interessanti u mhux tas-soltu."

"Wisq kesħa," qalilhom Irvin.

It-tewmin infaqgħu jidħqu.

"U ejja! Din kesħa? Mur ġibek il-Kanada b'dik il-borra kollha! U fuq kollox, int tgħid li lanqas biss tħoss ksieħ," qaltlu Laura. "Ejja ħa niġbru ftit informazzjoni. L-artiklu semma li saru tliet attentati ta' serq. Nistgħu nitqassmu u mmorru nkellmu lis-sidien tal-ħwienet."

"Le ta!" ipprotesta Irvin. "Tafu li ma nistax

ninvolvikom direttament, inkella addijo liċenzja!"

"U ejja, noqogħdu attenti," insista Luca, kollu entużjażmu.

"Insew. L-aħħar darba attenti konna u tafu x'ġara. Laura, int suppost taf aktar minna anzi."

Imma t-tifla ma rħietx. Kienet twebblet li għal dawk il-btajjel tal-Milied issib xi ħaġa interessanti x'tagħmel.

"Din id-darba noqogħdu iżjed attenti, *promise*," qalet lil kuġinuha, li kien rabat idejh u għolla geddumu 'l fuq, f'poża li ħadd u xejn mhu se jibdillu fehmtu. "Wara kollox, aħna mhux kemm immorru nitkixxfu x'ġara? Ngħidu li qed nagħmlu proġett ġurnalistiku għall-iskola waqt il-btajjel tal-Milied."

"Iiii x'idea dik, Laura!" beda jaqbeż u joqmos ħuha. "Hekk nagħmlu! Ammetti, Irvin, idea brillanti."

"Le, le, le u għal darb'oħra, LE. Tal-aħħar se ngħidilkom u mhux se nerġa' ngħidha. M'hemmx aktar investigazzjonijiet għalikom sakemm għadkom żgħar. U int ieqaf aqbeż għax se tolqotli dik is-siġra tal-Milied."